A.L. 186 ta' l-2008

ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430)

Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħola Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija minn artikli 4 u 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara li kkonsulta mal-Prim Ministru u mal-Ministru għall-Politika Soċjali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħola Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Ogħola Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 117 ta' l-2005.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu trasposti d-disposizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/55/KE tas-17 ta' Settembru 2007 li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal *azinphos-methyl*, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/56/KE tas-17 ta' Settembru 2007 li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal *azoxystrobin, chlorothalonil, deltamethrin, hexachlorobenzene, ioxynil, oxamyl* u *quinoxyfen* u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/57/KE tas-17 ta' Settembru 2007 li temenda ċertu Annessi mad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għad-*dithiocarbamates*.

Jemenda Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. (a) F'Parti A ta' Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali l-intestatura 12 *deltamethrin* għandhom jiġu sostitwiti l-kliem fi Skeda A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) F'Parti A ta' Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali, immedjatament wara l-intestatura 66 tagħha, għandha tiżdied l-intestatura *Azinphos-methyl* skond ma jidher fi Skeda B li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(ċ) F'Parti B ta' Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali, l-intestaturi 8.*Mancozeb,* 9. *maneb,* 10. *metiram,* 11. *propineb* u 12. *zineb,* għandhom jiġu mħassra; u

(d) F'Parti B ta' Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali, immedjatament wara l-intestatura 78 tagħha, għandha tiżdied l-intestatura għal *dithiocarbamates* kif imniżżel fi Skeda Ċ li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Skeda A

	Livelli massimi f'mg/kg		
Residwi tal-Pestiċida	tax-xaħam, misjub fil-laħam, preparazzjonijiet tal-laħam, ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Iskeda I taħt Nri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602 (1) (4)	għall-ħalib tal-baqar u ħalib tal-baqar elenkati fl-Iskeda I taħt Nru 0401: għall-prodotti oħra ta'l-ikel taħt Nri. 0401, 0402, 0405 00 u 0406 f'konformita' ma' (2) (4)	ta' bajd frisk fil-qoxra, għal bajd ta' l-għasafar u isfra tal-bajd elenkati fl-Iskeda I taħt Nri 0407 00 u 0408 (3) (4)
'Deltamethrin (cis-deltamethrin(s)	Fwied u kliewi 0,03(*), tjur tar-razzett u prodotti tagħhom 0,1, oħrajn 0,5	0,05	0,05(*)
(s) MRL's temporanji validi sa l-1 ta' Novembru 2008, fl-istennija ta' reviżjoni tad-dossier ta' l-Anness III skond id-Direttiva 91/414/KEE u r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-formulazzjonijiet tad-deltamethrin fil-livelli ta' l-Istati Membri.''.			

Skeda B

	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)		
Residwi tal-Pestiċida	tax-xaħam, misjub fil-laħam, preparazzjonijiet tal-laħam, ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Iskeda I taħt Nri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602 (1) (4)	għall-ħalib tal-baqar u ħalib tal-baqar elenkati fl-Iskeda I taħt Nru 0401: għall-prodotti oħra ta'l-ikel taħt Nri. 0401, 0402, 0405 00 u 0406 f'konformita' ma' (2) (4)	ta' bajd frisk fil-qoxra, għal bajd ta' l-għasafar u isfra tal-bajd elenkati fl-Iskeda I taħt Nri 0407 00 u 0408 (3) (4)
'67. Azinphos-methyl	0,01*	0,01*	0,01*"

Skeda Ċ

	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)		
Residwi ta' pestiċidi	tal-laħam, inkluż xaħam, preparazzjonijiet ta' laħam, ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Iskeda I taħt l-intestaturi Nri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	għall-ħalib u prodotti tal-ħalib elenkati fl-Iskeda I taħt l-intestaturi Nri. 0401, 0402, 0405 00 u 0406	ta' bajd frisk fil-qoxra, għal bajd ta' l-għasafar u isfra tal-bajd elenkati fl-Iskeda I taħt l-intestaturi Nri 0407 00 u 0408
"79.Dithiocarbamates, espressi bħala CS2, inklużi maneb, mancozeb, metiram, propineb, thiram u ziram	0,05*	0,05*	0,05*
(l)tindika l-limitu minimu tad-determinazzjoni analitika''.			

* tindika l-limitu minimu tad-determinazzjoni analitika

* tindika l-limitu minimu tad-determinazzjoni analitika